Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, 14 ta' Mejju 2024**

**Seduta Birkirkara**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Christabelle Chetcuti)**

**Versus**

**Cedric Briffa**
**(570984M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjoni kontra **Cedric Briffa**, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 570984M.

Akkuzat talli nhar id-19 ta' Lulju 2021 ghall-habta tad-08:40am gewwa Triq Fleur-de-Lys, Birkirkara:

1. Volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli liema hsara tammonta ghal aktar minn mitejn u hamsin Ewro (€250) izda anqas minn elfejn u hames mitt Ewro (€2,500) ghad-dannu ta' Isabella Borg.

Il-Qorti hija mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta' ta' Isabella Borg skont it-termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba sabiex f'kaz ta' htija tohrog ordni ta' protezzjoni sabiex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna offiza jew individwi ohra skont it-termini tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha prezentati fl-atti processwali.

Semghet ix-xiehda.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi fis-16 ta' April 2024 xehdet Isabella Borg, fejn qalet li f'Lulju 2021, bejn it-8.00am u 8.30am peress illi kien ghaddej il-kostruzzjoni fid-dar ta' magenbha, fi Triq Fleur De Lys, B'Kara kienet qed tosserva barra minn fuq is-*security camera* u nnotat li kien hemm hsara fuq il-karozza taghha ghax kienet tidher il-windscreen ta' wara mfarrak. Illi dak il-hin kienet ipparkjata quddiem il-garaxx taghha. X'hin harget, rat lill-imputat, li gharfet fl-awla, bil-qieghda fuq il-bankina, ghajtitlu biex tara kienx hemm x'incident u hu njoraha u dawwar wiccu, u hi cemplet il-Pulizija, u kif gew kien hemm il-gar taghha Emanuel Borg li ra l-azzjoni ssir. Hi ma tafx ghalfejn l-imputat ghamlilha hekk, imma wara li semghetu minn fuq is-CCTV u semghet lil tal-LESA jghid illi ma seta' jaghmel xejn la l-karozza taghha kienet ipparkjata quddiem il-propjeta' taghha. Ix-xhud pprezentat CD mmarkat Dok AMG2 tal-*video footage.* Illi b'referenza ghal erba' ritratti mmarkati minn wiehed sa erba bhala Dok AMG1, ix-xhud ikkonfermat illi kienet hadithom hi stess minn fuq is-security camera meta rat ir-recording. Fir-ritratt numru 1 tidher id-data tal-incident, 19 ta' Lulju 2021 fid-8.41am u jidher l-imputat jigri u l-windscreen ta' wara intatt u jidher il-ganc, fit-tieni ritratt jidher li l-imputat irranka fil-girja u semghetu mill-camera jidghi, fit-tielet ritratt jidher l-imputat qieghed bil-briksa f'idejh u fir-raba' ritratt jidher li waddab il-briksa. Ix-xhud ikkonfermat li hi kienet thallset mill-insurance ghall-hsara li soffrit fil-vettura taghha.

Illi xehed Marius Evander Borg, fejn qal illi f'nofs l-2021, f'xi l-10.00am, kien qieghed jahdem mid-dar u l-iskrivanija tieghu kienet hdejn it-tieqa li taghti ghal barra fuq Triq Fleur De Lys, B'Kara. Kien qieghed jiehu kafe' u jhares 'il barra u nnota li fin-naha ta' faccata kien hemm truck u crane jimmanuvra u mal-moviment innota li l-ganc laqat il-karozza bajda li kien hemm ipparkjata quddiem garaxx. Illi x-xhud kompla jghid illi l-imputat hareg agitat mill-kabina, dahal god-dar fejn kienu qeghdin jsiru x-xoghlijiet u hareg b'gebla jew kantun u qabad u waddabha ghall-hgiega

ta' wara tal-karozza li kienet ipparkjata. Ix-xhud kompla jghid li ma setax jaghraf il-persuna fl-awla, ghax dakinhar ta' l-incident kien xi tletin pied 'il boghod. Ftit wara waslu l-pulizija, u hu hareg u mar fuq il-pulizija u qallu li kien ra kollox u li kien lest li jixhed. Ix-xhud gie muri r-ritratti mmarkati Dok AMG1, fejn gharaf it-triq taghhom, il-karozza tad-Dottoressa l-*parte civile*, fejn tidher il-hgiega ghada shiha u jidher l-imputat igara l-gebla lejn il-windscreen ta' wara, u l-ahhar ritratt tidher il-windcreen kif spiccat. Ir-ritratti kienu juru dak li huwa kien ra b'ghajnejh.

Illi xehed Shaun Taliana Sammut fejn qal illi l-vettura Fiat Palio bajda bir-registrazzjoni numru ABL 427 kienet registrata fuq Dr Isabella Borg. Hu kien qieghed jipprezenta Dok STS1 li jinkludi r-rapport tas-surveyor u l-opinjoni tieghu, l-ammont li thallas, claim form, l-ircevuta tal-excess u rapport tal-pulizija. Il-hsara kienet fil-windscreen ta' wara u s-sid kienet thallset €720.

**Ikkunsidrat ulterjorment**

Illi x-xhud Marius Evander Borg xehed illi ra lill-persuna twaddab gebla lejn il-karozza tal-*parte civile*. Mill-footage tal-CCTV camera kif ukoll mir-ritratti tidher persuna twaddab il-gebla lejn il-karozza, liema persuna giet iddentifikata mill-*parte civile* bhala l-imputat. Il-hsarat gew ikkonfermati mir-rapprezentant tal-assikurazzjoni Shaun Taliana Sammut li kkonferma li l-vettura kienet tal-*parte civile* u kkonferma wkoll il-hsarat.

Illi l-Qorti wara li semghat ix-xhieda u rat d-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali hija konvinta li l-akkuza migjuba fil-konfront ta' l-imputat giet ppruvata sal-grad rikjest mil-Ligi.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat Artikolu 7 u 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta **qed issib lill-imputat Cedric Briffa hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontrih u ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jwettaqx reat iehor fi zmien sentejn (2) millum.**

Dwar it-talba tal-prosekuzzjoni, sabiex din il-Qorti taghti garanzija fil-konfront tal-*parte civile*, **Isabella Borg ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,** fic-cirkostanzi din il-Qorti thoss li tali talba hija gustifikata u qeda torbot lill-imputat **Cedric Briffa** b'garanzija personali ta' **elfejn Euro (€2,000) ghal zmien sena millum** u dan billi ma jimmolestax, ma jddejjaqx u ma jingurjax lill-*parte civile* **Isabella Borg.**

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**